**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 4 ta' Jannar, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 490/2016 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**vs**

**Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjetà Party Import-Export Limited (C-32464) u b'digriet tat-8 ta' Frar 2017, l-Avukat Dr. Leontine Calleja LL.D u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti gew nominati Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lis-socjetà Party Import-Export Limited**

**u**

**Walter Gialanze**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tlett skritturi privati datati 23 ta' Jannar 2009 (Dok. "A"), 6 ta' Ottubru 2011 (Dok. "B"), u 18 ta' April 2012 (Dok. "C"), is-socjetà attrici

ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjetà Party Import-Export Limited.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici tal-intimati fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn u hamsa u tmenin Ewro u disgha u sittin centezmu (€25,285.69) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" tas-socjetà Party Import-Export Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D" u Dok. "E1 sa E2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-25 ta' Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Permezz ta' zewg skritturi privati datati 28 ta' Jannar 2008 (Dok. "F") u 3 ta' Ottubru 2011 (Dok. "G"), il-konvenut Walter Gialanze ggarantixxa flimkien u "*in solidum*" ma' Party Import-Export Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess Party Import-Export Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dokumenti "A", "B", "C", "F" u "G"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti:

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 6 ta' Jannar 2015, li kopja taghhom qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok "H" u "I" sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn

esibiti bhala Dokumenti "A", "B", "C", "F" u "G"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

(2) Tikkundanna lill-kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lis-socjetà Party Import-Export Limited u lil Walter Gialanze jhallsu flimkien u "*in solidum*" bejniethom lis-socjetà attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u tmenin Ewro u disgha u sittin centezmu (€25,285.69) u fil-verbal tas-27 ta' April 2017, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat korrezzjoni u ghandhom jitnizzlu l-kliem "is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn u hamsa u tmenin Ewro u disgha u sittin centezmu", bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" tas-socjetà Party Import-Export Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D" u Dok. "E1 sa E2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-25 ta' Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Minghajr pregudizzju ghal somom ohra ta' flus dovuti mill-konvenut Walter Gialanze lis-socjetà attrici li ghalihom is-socjetà attrici qed tipprocedi f'gudizzju separat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 6 ta' Jannar 2015 u tal-Mandati ta' Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Dr. Leontine Calleja u l-P.L. Quentin Tanti li permezz taghha gie eccepit illi:

F'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw, li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, jekk ikun il-kaz, meta u jekk jirnexxilhom

jikkomunikaw mal-imsemmija socjetà minnhom rapprezentata sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw maghha.

L-ammont li s-socjetà attrici qeghda tippretendi ghandu jigi iccarat stante li fit-talba numru tnejn hemm diskrepanza bejn l-ammont fil-kliem u dak il-figuri u inoltre s-socjetà trid turi kif waslet ghall-interessi li qeghda tippretendi peress illi jidhru eccessivi.

Huwa l-attur li ghandu l-piz tal-prova u cioè illi irid ikun l-attur li permezz tal-prvi mressqa minnu jikkonvinci lil dina Onorabbli Qorti illi t-talbiet kollha tal-attur huma fondati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' April 2017 fejn giet korretta t-talba tal-bank rikorrenti fis-sens illi fit-tieni talba s-somma fil-kliem kellha tkun "hamsa u ghoxrin elf, mitejn u hamsa u tmenin Ewro u disgha u sittin centezmu".

Rat li, Walter Gialanze, debitament notifikat, baqa' ma wegibx ghall-kawza lanqas ma ressaq sottomissjonijiet bil-miktub kif awtorizzat fit-28 ta' Novembru 2017.

Semghet ix-xhud viva voce.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz tax-xhieda viva voce u d-dokumenti esibiti il-bank ipprova sal-grad rikjest mill-ligi li t-talba tieghu jisthoqqilha tintlaqa'.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta, tilqa' t-tieni talba kif dedotta u korretta kif indikat aktar 'il fuq f'din is-sentenza,[1] bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba.

---

[1] "u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn u hamsa u tmenin Ewro u disgha u sittin centezmu (€25,285.69)",

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjetà Party Import-Export Limited u minn Walter Gialanze b'dana illi d-drittijiet tal-kuraturi jithallsu provvizorjament mill-Bank rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG